**Laqgħa Numru 89**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**23 t'April 2019**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tingi, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.35 ta' filgħaxija.

---

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Paul Azzopardi | - Sindku |
| Domenic Zerafa | - Viċi Sindku |
| Hubert Saliba | - Kunsillier |
| Jeanelle Attard | -Kunsilliera |
| George Zammit | - Kunsillier |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard

- Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**89.1 Qari ta' l-Ittri ta' apoloġiji;**

89.1.1 Ma kienx hemm ittri ta'apoloġiji mill-Kunsilliera.

**89.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

89.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 88 li saret nhar il-Ħamis 21 ta' Marzu 2019 ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera preżenti u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

**89.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

89.3.1 Is-Sindku kkomunika li l-Kunsill kien irċieva €10,000 taħt l-iskema *Cultural Fund,* skema taħt il-Ministeru t'Għawdex fejn il-Kunsill kien applika għall-għajnuna. €5,000 kienu qed jingħataw għall-Evviva Wine Festival li kien ser isir fil-15 ta' Ġunju 2019 u €5,000 għall-Fior d' Argenta li kien ser jittella' fit-28 u 29 t'Awwissu 2019.

89.3.2 Is-Sindku rreferra għat-talba minn l-Għaqda tal-Armar rigward l-ispiża li kellhom jidħlu fiha hekk kif il-kuntrattur ma tax każ tat-toqob għall-armar tal-festa fi Triq Il-Knisja, fil-pjazza u fi Triq Il-Ħamrija. Waqt li saret referenza li x-xogħol tal-Knisja kien biss dak li jaqa' taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill, is-Sindku ssuġġerriexxa li s-Segretarju kellha tinforma lill-President tal-Għaqda Armar biex jippreżenta l-ispejjeż li l-għaqda kellha tidħol għalihom. Waqt li dawk ta' Triq Il-Knisja kellhom jiġu mnaqqsa mill-kont lill-kuntrattur, dawk tal-Pjazza u Triq Il-Ħamrija kellhom jintbagħtu lill-Ass Direttur responsabli mix-xogħlijiet u anke liċ-*Chief of Staff fi* ħdan il-Ministeru t'Għawdex.

89.3.3 Is-Sindku talab lis-Segretarju biex jingħatawx permessi għad-depożitu ta' cranes jew makkinarju ieħor fi Triq L-Indipendenza u Triq San Bert biex jiġu evitati konġestjonijiet tat-traffiku. Is-Sindku talab ukoll li l-preżenza ta' *warden* jew uffiċjal ta' TM tintalab dejjem meta jkun hemm talba għall-permessi f'toroq arterjali.

89.3.4 B'referenza għal-korrispondenza li bagħat id-dipartiment fuq l-applikazzjoni għall-Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni is-Sindku ssuġġerriexxa u l-membri tal-Kunsill qablu li għandna minnfuh inkellmu lil Perit tal-Kunsill biex napplikaw għall-Ġnien Il-Ħaddiem.

89.3.5 Is-Sindku ppropona li jsiru lampi tad-dawl ġodda fi Triq L-Għarus, faċċata tal-forn tax-Xiber, fi Triq Ċappelli u f'Tal-Ħorob fejn hemm il-bitħa Tas-Sigarru u jipparkjaw il-buses. Dawn ġew approvati mill-membri preżenti. Talba għal-lampa oħra biex titwaħħal fejn il-Kejselli faċċata tas-Sur James Debrincat ġiet ukoll approvata mill-membri preżenti.

89.3.6 B'referenza għat-tender tar-Rubble Walls u t-tender tal-Playing field is-Sindku ppropona li fuq il-bord tal-evalwazzjoni jkunu maħtura Segretarju Marion Attard, *Chairperson* William Sultana u evalwaturi Dr Larry Formosa, Darren Mercieca u l-Perit Mario Cordina. Il-membri tal-Kunsill approvaw il-ħatra ta' dan il-bord.

**89.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

89.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet meta kien ser isir il-ftuħ uffiċjali tal-Kunsill il-Ġdid hekk kif issa kien ilu jopera minn Triq Santa Katerina mill-bidu ta' Marzu. Is-Sindku wieġeb li kien qed f'kuntatti kontinwi mal- Uffiċju tal-Prim Ministru u kien qed jistenna risposta mill-istess uffiċju.

89.4.2 Il-Kunsillier Domenic Zerafa ġibed l-attenzjoni li l-isleeping police fi Triq L-Eħbel kienet għadda ma waħlitx. Is-Segretarju talbet li jgħaddi minnufih id-dettalji tar-residenti li qed jiġi ssuġġerriet li titwaħħal l-*isleeping police* għax din ma tistax tiġi ppreżentata lil Transport Malta mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' dawn ir-residenti. Il-Kunsillier Domenic Zerafa ħa nota li kien ser jipprovdi dawn id-dettalji.

89.4.3 Il-Kunsillier Hubert Saliba talab li l-*Communuty Workers* jintbagħtu minnufih jikinsu wara l-knisja u jinqata' l-ħaxix. Is-Segretaruju ħadet nota ta' dan.

89.4.4 Is-Segretarju nfurmat li t-tender tal-ġbir taż-żibel kien se jagħlaq fit-30 ta' Ġunju 2019. Wara li ċċekjat mar-Reġjun t'Għawdex jekk din ir-responsabilita' kinitx se tgħaddi taħt ir-Reġjuni u r-riżultat li dan ma kienx il-każ, issuġġerriet li għal darb'oħra din is-sejħa għall-offerti toħroġ b'mod konġut mal-Kunsill ta' Sannat u mal-Kunsill tax-Xagħra. Il-Kunsill qabel ma' dan.

89.4.5 Il-Kunsillier Hubert Saliba talab li jitħawwlu fjuri fir-roundabout fejn hemm l-istatwa ta' San Ġwann fi Triq Il-Ħamrija. Is-Sinku ssuġġerriexxa li ssir talba lin-*Nurseru* f'Tad-Dawwara biex naraw jekk hux possibli li jagħtuna ftit fjuri.

89.4.6 Il-Kunsillier Domenic Zerafa talab li jsir *patching* għat-toqob li hawn wara xhur tax-xitwa. Is-Segretarju ħadet nota biex tiġi ppreparata l-lista ta' toroq li jridu jingħataw *patching.*

89.4.7 Il-Kunsillier George Zammit ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn li ssir *sleeping police* fi Triq It-Taflija. Is-Segretarju wieġbet li talba kienet intbagħtet mill-Kunsill fejn ġiet infurmata li din taqa' taħt l-MIP. Diversi *reminders* kienu ukoll intbagħtu u ħadet nota biex terġa' tibgħat *reminder* mill-ġdid.

89.4.8 Il-Kunsillier Hubert Saliba staqsa għalfejn il-belvedere tal-Barmil ma kienx ser isir sħiħ. Wara diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill, il-membri qablu li dan il-Belvedere kellhu jsir sħiħ. Is-Sindku talab lis-Segretarju biex tmexxi bl-applikazzjoni ma' Galea Curmi Engineering biex ikun jista' jgħaddi d-dawl mill-bozza ma' Plot 56 għal belvedere.

89.4.9 Il-Kunsillier Hubert Saliba rreferra għall-iskema li kien għadu kif ħareg is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri fejn il-Kunsilli kienu se jiġu mistieden biex jippropona proġett immirat għall-annimali. Hu ssuġġerriexxa li l-Kunsill kellhu japplika biex isir *Dog Park* f'parti minn Ġnien Il-Ħaddiem fejn ilu kien hemm il-*Bring-in-Sites*. Il-membri preżenti qablu.

89.4.10 Il-Kunsiller Domenic Zerafa talab lis-Segretarju jekk kinux inġabru kwotazzjonijiet għall-bandla f' Tal-Barmil. Is-Segretarju kkonfermat li kienet qed tistenna l-kwotazzjonijiet.

89.4.11 Il-Kunsillier George Zammit staqsa dwar x'kien deċiż mil-laqgħa fuq Triq tal-Ħorob wara li kienet intalbet laqgħa mal-Perit u mal-kuntrattur. Is-Sindku wieġeb li l-Perit kien reġa' spjega li t-triq kienet saret sew u kien impossibli li l-bdiewa ma jkollhomx problema t'ilma. Il-Perit kien ukoll issuġġerriexxa li jsiru sammijiet biex innaqsu mill-problema tal-ilma.

89.4.12 Il-Kunsillier Hubert Saliba talab biex minnufih nitolbu lill-ħaddiema tal-gvern biex jiżbgħu s-sinjali ta' parkeġġ wara l-knisja. Is-Segretarju ħadet nota biex issir talba mas-sistema tal-Ministeru t'Għawdex, *Gozo LC system* biex dawn jiġu miżbugħa minnufih u anke jduru s-sinjali li hawn mar-raħal kollhu.

## 89.5 Żamma u Manitenzjoni tat-Toroq

89.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-offerti mitfugħa għaż-żamma u manitenzjoni tat-toroq. Dawn kienu intrebħu skont it-tabella t'hawn taħt. Il-membri tal-Kunsill approvaw dan ir-rapport u esiġew li dawn jibdew joperaw immedjatament. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li qabel dawn ma jipprvdu l-*insurance* mitluba dawn ma jistgħux jiffurmaw il-kuntratt.

| Parti tar-raħal | Offerent | Ammont |
|---|---|---|
| Area A | Tony Xuereb | €4,850 |
| Area B | Jamie Fenech | €4,900 |
| Area C | Għaqda Armar Xewkija | € 4,950 |
| Area D (amount not covering pjazza) | Soċjeta' Filarmonika Prekusur | €4,950 |

### 89.6 Evviva Wine Festival u Festa ta' San Ġwann

89.6.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet lis-Sindku rigward il-preparamenti tal-Evviva Wine Festival. Il-Kunsill qabel li jagħti ċans lill-Għaqda taż-Żgħażagħ biex itella' Majjalata u jieħu ħsieb ukoll il-bejgħ tax-xorb ovvjament minbarra inbid. Imejl tistieden lill-operaturi tal-ikel mir-raħal stess kellha tintbagħat b'lista ta' ikel tradizzjonali li kellhu jinbiegħ waqt dan l-avveniment. Il-prezz biex wieħed ilkollhu stand tal-ikel kien dak ta €150.

89.6.2 Is-Sindku talab biex is-Segretarju tieħu nota biex nibagħtu lill-*Communty Workers* biex jibdew jaqtgħu l-ħaxix fi Ġnien Blankas bi preparazzjoni għall-Wine Festival. Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li kienu ukoll intbagħtu ħaddiem mill-Ministeru wara li kienet saret talba fuq is-sistema Gozo LC biex jinbnew il-ħitan tas-sejjieħ mġarrfin fl-istess ġnien.

89.6.3 Il-membri qablu li r-Red Electric tkun il-band għall-Evviva waqt li jintrema palk iżgħar fejn tkun tista' tindaqq mużika folk. L-*istands* tal-inbid kellhom ikunu bogħod mill-palk ċentrali. L-avveniment kellhu jiġi rriklamat fuq Facebook minnufih. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan.

89.6.4 B'referenza għall-festa ta' San Ġwann, is-Segretarju staqsiet lill- membri tal-Kunsill kif kienu ser jingħataw il-permess tal-bars. Dan peress li mhux dejjem dawk li jitolbu permess ikollhom il-liċenzji validi. Waqt li s-Sindku ssostn li dan ma kienx fil-kompitu tal-Kunsill, wara diskussjoni kien deċiż li l-permessi jinħarġu bħal dawk tas-sena li għaddiet fejn fuq parir legali il-kliem li l-permess hu biss validu jekk wieħed għandu l-liċenzji neċessarji u validi jinkitbu fuq kull permess li jinħareġ.

89.6.5 Is-Sindku ssuġġerriexxa li toħroġ sejħa għall-kwotazzjoni għat-tindif ta' toroq u l-pjazza waqt il-festa. Il-membri tal-Kunsill qablu li din toħroġ u tiġi mirbuħa minn min jitfa' l-irħas offerta.

89.7 **Korrispondenza u Materji Oħra.**

89.7.1 Imejl mingħand is-Sur Rueben Said dwar Traffic Management fi Vjal il-Labour fejn talab lil Perit ikkonċernat biex jippreżenta disinn ġdid.

89.7.2 Imejl mingħand is-Sur Joseph Vella, segretarju tal-Kumitat Ċentrali tal-Festa ta' San Ġwann Battista, fejn staqsa jekk hemmx xi risposta fuq it-talba li huwa kien għamel fil-25 ta' Frar 2019 dwar Milied Sajfi. Il-membri tal-Kunsill qablu li l-Kunsill għandu jikkolloborra biex jittella' dan l-avveniment

89.7.3 Ċirkulari AKL 2019/012 – Ħatra ta' DPO Temporanju. Ġentilment l-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali tfakkar li dawk il-Kunsilli Lokali li appuntaw DPO li ġie offrut mill-Assoċċjazzjoni, dak is-servizz ser ikun offrut sal-aħħar ta' Mejju. B'referenza għall-ħatra ta' DPO, imejl mibgħut mir-Reġjun t'Għawdex stieden biex dawk il-Kunsilli li jridu jidħlu fi ftehim biex ir-Reġjun joħroġ sejħa għall-DPO li tiġbor dawk il-Kunsilli nteressati. Il-Kunsill qabel li għandna nidħlu għal dan il-ftehim.

89.7.4 Komunikat DĠ/K/5/2019 – Ħatra ta' Direttur ġdid għall-Gvern Lokali u Organogramma tal-Kapijiet tat-Taqsimiet.

89.7.5 Ċirkulari AKL 2019/037 – 2019 EU Health Award for cities, NGO's and schools. L-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali tħeġġeġ lill-Kunsilli biex jipparteċipaw. Il-membri tal-Kunsill innota l-kontenut.

89.7.6 Ċirkulari AKL 2019/038 – Malta Pride Initiative 2019. L-AKL tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali biex jipparteċipaw.

89.7.7 Imejl mingħand is-Sur Mario Xerri fejn talab lill-Kunsill Lokali biex iwassal il-messaġġ fir-rivista Gorġun sa mhux aktar tard mill-aħħar t'April. Il-membri tal-Kunsill ħadu nota ta' dan.

89.7.8 Imejl mingħand is-Sa Maria Sammut mill-Gvern Lokali dwar il-Vote Counting Complex.

89.7.9 Imejl mingħand Peter Borg mill-Band Red Electric bid-dettalji u kwotazzjonijiet tagħhom għal Wine Festival li ser isir fil-15 ta' Ġunju 2019.

89.7.11Ċirkulari AKL 2019/039 – Inizzjattiva b'kollaborazzjoni ma Heritage Malta – Skema għall-anzjani fejn il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa f'din l-iskema fejn l-anzjani setgħu japplikaw għall-passport mill-Kunsill.

89.7.12 Talba mir-residenti biex isir traffic management fejn tal-forn tax-Xiber. Il-membri qablu li nqabdu l-Perit tal-Kunsill biex jipprepara traffic management minnufih.

89.7.13 Talba mis-Sur Carmel Pace biex il-lampa 531 idur lej Triq L-Imġarr biex id-dawl ikun jista' jinfirex aħjar. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' din it-talba.

**89.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

89.8.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**89.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss.**

89.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15pm. Il-Kunsilliera unanimament qablu li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar il-Ħamis 30 ta' Mejju 2019 fl-4.00pm.

Konfermati, illum 30 ta' Mejju 2019

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ______________________ | ______________________ |
| Paul Azzopardi | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |